

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

4 ta' Marzu 2010*

Fil-Kawża T-24/08,

Weldebräu GmbH & Co. KG, stabbilita f'Plankstadt (il-Ġermanja), irrappreżentata minn W. Göpfert, avukat,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irrappreżentat minn P. Bullock, bħala aġent,

konvenut,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali, li hija

Kofola Holding a.s., stabbilita f'Ostrava (ir-Repubblika Ċeka), irrappreżentata minn S. Hejdová u R. Charvát, avukati,

li għandha bħala suġġett rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-15 ta' Novembru 2007 (Każ R 1096/2006-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Weldebräu GmbH & Co. KG u Kofola Holding a.s.,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. Vilaras, President, M. Prek (Relatur) u V. M. Ciucă, Imħallfin,
Reġistratur: N. Rosner, Amministratur,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-16 ta' Jannar 2008,

wara li rat ir-risposta tal-UASI ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Mejju 2008,

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' Mejju 2008,

wara s-seduta tad-29 ta' Ottubru 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

- ¹ Fit-23 ta' Settembru 2003, l-intervenjenti, Kofola Holding a.s., ippreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni għal trade mark Komunitarja lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 17, Vol. 01, p. 146), kif emendat [issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)].

- 2 It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija s-sinjal tridimensionali li tikkorrispondi għad-deskrizzjoni ta' "flixxun b'forma ċilindrika b'għonq dejjaq u spirali bil-kelma 'snipp' li hija wkoll ċilindrika", li huwa rriprodott hawn taħt:



- 3 Il-prodotti li għalihom saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni jaqgħu taħt il-klassijiet 30, 32 u 33 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif irriedut u emendat, u jikkorrispondu, għal kull waħda minn dawn il-klassijiet, mad-deskrizzjoni segwenti:

— klassi 30: "kafe, te, kawkaw, kafe artifiċjali, zlazi, zlazi veġetali, ħelu, xarbiet taċ-ċikkulata, xarbiet tal-kawkaw, xarbiet tal-kafe, xarbiet tat-te aħdar, ħwawar għax-xarbiet barra ż-żjut essenzjali, għasel iswed";

— klassi 32: "Xarbiet mhux alkoħoliċi, xarbiet mhux alkoħoliċi tal-frott, estratt tal-frott (mhux alkoħoliku), nektar tal-frott, meraq tal-frott, ilma minerali, xarbiet bil-gass, essenzi għall-preparazzjoni tax-xarbiet, ġulepp, birra";

— klassi 33: "Xarbiet alkoħoliċi".

- 4 L-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja ġiet ippubblikata fil-Bullettin tat-trade marks Komunitarji Nru 2004/033, tas-16 ta' Awwissu 2004.

- 5 Fis-16 ta' Novembru 2004, ir-rikorrenti, Weldebräu GmbH & Co. KG, ressqet oppożizzjoni, skont l-Artikolu 42 tar-Regolament Nru 40/94, (li sar l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 207/2009), kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għall-prodotti msemmija fil-punt 3 iktar 'il fuq.

- 6 L-oppożizzjoni kienet ibbażata fuq it-trade mark Komunitarja tridimensjonali preċedenti, li tikkonsisti fil-forma ta' flixxun, irreġistrata fis-16 ta' Novembru 2000 bin-Numru 690 016, li hija rriprodotta hawn taħt:



- 7 Il-prodotti koperti mit-trade mark preċedenti jaqgħu taħt il-klassijiet 21, 32 u 33 u jikkorrispondu, għal kull waħda minn dawn il-klassijiet, għad-deskrizzjoni li ġejja:

— klassi 21: “Kontenituri tal-ħġieġ, fliexken, vażuni u ġarar (mhux magħmula minn materjal prezzjuż)”;

- klassi 32: “Birra, ilma minerali u ilma bil-gass, xorb tal-frott u meraq tal-frott, ġulepp u taħlitiet oħra għall-preparazzjoni ta’ xorb, ales, porters”;

 - klassi 33: “Xarbiet alkoħoliċi (bl-eċċezzjoni tal-birer), likuri, spirti, inbejjed”.
- 8 Ir-raġuni invokata insostenn tal-oppożizzjoni kienet dik imsemmija fl-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [(li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009].
- 9 Fis-26 ta’ Ġunju 2006, id-Divizzjoni tal-Oppożizzjoni ħadet l-oppożizzjoni.
- 10 Fl-14 ta’ Awwissu 2006, ir-rikorrenti appellat quddiem l-UASI, skont l-Artikoli 57 sa 62 tar-Regolament Nru 40/64 (li saru l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009), mid-deċiżjoni tad-Divizzjoni tal-Oppożizzjoni.
- 11 Permezz ta’ deċiżjoni tal-15 ta’ Novembru 2007 (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), ir-Raba’ Bord tal-Appell tal-UASI ħadid l-appell, billi qies essenzjalment li, fid-dawl tal-karattru distintiv medju tat-trade mark preċedenti u tad-differenzi sinjifikattivi eżistenti bejn is-sinjali kunfliġġenti, ma kienet teżisti l-ebda probabbiltà ta’ konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, moqri flimkien mal-Artikolu 8(2)(a)(i) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(2)(a)(i) tar-Regolament Nru 207/2009], bejn it-trade marks kunfliġġenti min-naħa tal-konsumatur medju tal-Unjoni Ewropea.

It-talbiet tal-partijiet

12 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

13 L-UASI jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiċħad ir-rikors;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

14 L-intervenjenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

- 15 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti invokat motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94. Hija tqis li l-Bord tal-Appell kien żbaljat meta eskluda l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Il-UASI u l-intervenjenti jsostnu li l-Bord tal-Appell ikkonkluda għustament li kien hemm nuqqas ta' tali probabbiltà.
- 16 Skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, jekk issir oppożizzjoni minn proprjetarju ta' trade mark preċedenti, ir-reġistrazzjoni tat-trade mark li saret applikazzjoni għaliha għandha tiġi rrifjutata jekk, minħabba identikità jew xebh bejn iż-żewġ trade marks u l-identikità jew xebh tal-prodotti jew servizzi koperti mit-trade marks, teżisti probabbiltà ta' konfużjoni minn naħa tal-pubbliku fit-territorju fejn it-trade mark preċedenti hija protetta, il-probabbiltà ta' konfużjoni tinkludi wkoll il-probabbiltà li ssir assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti.
- 17 Skont ġurisprudenza stabbilita, ikun hemm probabbiltà ta' konfużjoni meta jkun hemm riskju li l-pubbliku jkun jista' jaħseb li l-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni jkunu ġejjin mill-istess impriża jew, jekk ikun il-każ, minn impriżi marbutin ekonomikament. Skont din l-istess ġurisprudenza, il-probabbiltà ta' konfużjoni għandha tiġi evalwata globalment, skont il-perċezzjoni li l-pubbliku rilevanti għandu tas-sinjali u tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni, u fid-dawl tal-fatturi kollha rilevanti tal-każ, b'mod partikolari tal-interdipendenza bejn ix-xebh bejn is-sinjali u dak tal-prodotti jew tas-servizzi deskritti [ara s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2003, Laboratorios RTB vs UASI — Giorgio Beverly Hills (GIORGIO BEVERLY HILLS), T-162/01, Ġabra p. II-2821, punti 30 sa 32, u l-ġurisprudenza ċċitata].

- 18 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi eżaminat jekk il-Bord tal-Appell qies għustament li ma teżista l-ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark preċedenti u t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni.
- 19 Fil-kawża preżenti, ma huwiex ikkontestat li l-pubbliku rilevanti huwa kompost minn konsumaturi medji tal-Unjoni Ewropea normalment informati u raġonevolment attenti u avżati.
- 20 Huwa stabbilit ukoll, hekk kif għustament iddikjara l-Bord tal-Appell fil-punt 26 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-prodotti deskritti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, li jaqgħu taħt il-klassijiet 32 u 33, huma identiċi għal dawk tat-trade mark preċedenti li jaqgħu taħt l-istess klassijiet, u li l-prodotti fil-klassi 30, koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, huma simili ħafna għall-prodotti fil-klassijiet 32 u 33, koperti mit-trade mark preċedenti.

Fuq it-tqabbil tas-sinjali kunfliġġenti

- 21 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-evalwazzjoni ġenerali tal-probabbiltà ta' konfużjoni trid, għal dak li jirrigwarda x-xebh viżiv, fonetiku jew kunċettwali tat-trade marks inkwistjoni, tkun ibbażata fuq l-impressjoni ġenerali prodotta minnhom, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-elementi distintivi u dominanti tagħhom. Il-perċezzjoni tat-trade marks li l-konsumatur medju għandu tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni għandha rwol determinanti fl-evalwazzjoni globali ta' din il-probabbiltà. F'dan ir-rigward, il-konsumatur medju normalment jipperċepixxi trade mark fl-intier tagħha u ma joqgħodx jeżamina d-dettalji differenti [ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Ġunju 2007, UASI vs Shaker, C-334/05 P, Ġabra p. I-4529, punt 35, u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-20 ta' Settembru 2007, Nestlé vs UASI, C-193/06 P, Ġabra p. I-114, punt 34; sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2004, BMI Bertollo vs UASI — Diesel (DIESELIT), T-186/02, Ġabra p. II-1877, punt 38].

- 22 Fil-kawża preżenti, jinsabu f'kunflitt żewġ sinjali tridimensjonali li jirrapreżentaw fliexken, li jikkonsistu fi flixxun ta' forma ċilindrika u fi flixxun ta' forma spirali. Barra minn hekk, is-sinjal li għalih saret l-applikazzjoni fih l-element verbali “snipp”, imnaqqax fuq il-parti t'isfel tal-flixxun b'ittri żgħar bl-istess kulur tiegħu.
- 23 Hekk kif jirriżulta wkoll mill-konstatazzjonijiet imwettqa fil-punt 28 tad-deċiżjoni kkontestata, li ma ġewx ikkontestati mill-partijiet, ebda paragon fonetiku ma jista' jitwettaq sa fejn it-trade mark preċedenti ma fiha l-ebda element verbali, u li l-element verbali “snipp”, ta' daqs żgħir, imnaqqax fuq il-parti t'isfel tas-sinal li għalih saret l-applikazzjoni, ma jistax ikollu impatt fuq l-impressjoni ġenerali prodotta mit-trade mark. Paragon kunċettwali huwa impossibbli wkoll peress li t-trade marks kunfliġġenti huma nieqsa minn sinjifikat. Minn dan jirriżulta li t-trade marks kunfliġġenti ma jistgħux jiġu mqabbla ħlief fuq livell viżiv.
- 24 Il-Bord tal-Appell qies, fil-punt 31 tad-deċiżjoni kkontestata, li paragon viżiv globali taż-żewġ sinjali juri diversi differenzi importanti, billi bbaża ruħu b'mod partikolari fuq il-fatt li l-proporzjonijiet bejn it-tul u l-wisa' tal-fliexken huma differenti, li s-sinjal li saret l-applikazzjoni għalih jippreżenta element verbali li huwa nieqes mis-sinjal preċedenti u li l-għenuq tal-fliexken jippreżentaw differenzi importanti.
- 25 F'dan ir-rigward, jekk ma jistax jiġi eskluż li l-element verbali “snipp”, tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, imnaqqax bl-istess kulur tal-ħġieġ, huwa diffiċilment perċetibbli u, konsegwentement, ma jistax ikollu impatt fuq l-impressjoni ġenerali prodotta mit-trade mark, u jekk ma jistax jiġi injorat li l-għenuq tal-fliexken tas-sinjali kunfliġġenti huma t-tnejn ta' forma spirali, u li għaldaqstant huma differenti minn għenuq tradizzjonali, xorta jibqa' l-fatt li l-impressjoni viżiv ġenerali turi diversi differenzi importanti bejn is-sinjali kunfliġġenti, hekk kif ikkonkluda wkoll, gústament, il-Bord tal-Appell.

- 26 Minn naħa, is-sinjal preċedenti jidher, f'għajnejn il-konsumaturi medji normalment informati u raġonevolment attenti u avżati, itwal, iktar fin u għaldaqstant iktar delikat mis-sinjal li għalih saret l-applikazzjoni, li juri forma iżgħar, wiesgħa u ħoxna, li tagħti l-impressjoni ta' toqol. Barra minn hekk, il-forma tal-flixkun tas-sinjal li għalih saret l-applikazzjoni hija irregolari minħabba l-parti tonda tagħha, filwaqt li dik tas-sinjal preċedenti hija dritta. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li l-għenuq, minkejja li t-tnejn huma spirali, jippreżentaw spirali differenti. Filwaqt li dak tas-sinjal preċedenti huwa iktar fin u fih biss żewġ dawriet, dak tas-sinjal li saret l-applikazzjoni għalih jidher usa' u fih mill-inqas erbgħa dawriet.
- 27 Għaldaqstant, il-Bord tal-Appell ma żbaljax meta kkonstata, fil-punt 31 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-fatt li l-għenuq taż-żewġ fliexken jistgħu jiġu deskritti bħala ta' "forma spirali", huwa ftit rilevanti, fir-rigward tad-differenzi kbar li jeżistu bejn il-forom taż-żewġ għenuq.
- 28 Din l-evalwazzjoni ma tistax tiddaħħal inkwistjoni mill-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-ġurisprudenza ta' ċerti qrati nazzjonali u fuq il-prassi tal-UASI. Fil-fatt, minn naħa, il-ġurisprudenza tal-qrati tal-Istati Membri tikkostitwixxi biss element li, mingħajr ma tkun determinanti, tista' biss tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja [sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2003, *Unilever vs UASI (Tablette ovoïde)*, T-194/01, Ġabra p. II-383, punt 68]. Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda l-prassi tal-UASI, id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw ir-reġistrazzjoni ta' sinjal bħala trade mark Komunitarja, li l-Bordijiet tal-Appell huma mitluba jieħdu taħt ir-Regolament Nru 40/94, jaqgħu taħt l-eżerċizzju ta' kompetenza limitata u mhux taħt setgħa diskrezzjonali. Għaldaqstant, il-legalità tal-imsemmija deċiżjonijiet għandha tiġi evalwata biss abbażi ta' dan ir-regolament u mhux fuq il-bażi ta' prassi deċiżjonali preċedenti għalihom [sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' April 2007, *Alcon vs UASI*, C-412/05 P, Ġabra p. I-3569, punt 65, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Novembru 2005, *Sadas vs UASI — LTJ Diffusion (ARTHUR U FELICIE)*, T-346/04, Ġabra p. II-4891, punt 71].
- 29 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Bord tal-Appell iddikjara għustament l-eżistenza ta' differenzi importanti bejn is-sinjali. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li s-sinjali kunfliġġenti jippreżentaw biss xebh viżiv dgħajfef.

Fuq il-probabbiltà ta' konfużjoni

- 30 L-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni timplika ċerta interdipendenza bejn il-fatturi meħuda inkunsiderazzjoni, u, b'mod partikolari, bejn ix-xebh tat-trade marks u x-xebh tal-prodotti jew servizzi koperti. B'hekk, grad żgħir ta' xebh bejn il-prodotti jew is-servizzi koperti jista' jiġi kkompensat minn grad għoli ta' xebh bejn it-trade marks, u bil-kontra [sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Settembru 1998, Canon, C-39/97, Ġabra p. I-5507, punt 17, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2006, Mast-Jägermeister vs UASI — Licorera Zacapaneca (VENADO b'bordura *et*), T-81/03, T-82/03 u T-103/03, Rec. p. II-5409, punt 74].
- 31 Fil-kawża preżenti, il-Bord tal-Appell ikkunsidra, fil-punt 24 tad-deċiżjoni kkontestata, li t-trade mark preċedenti kellha karattru distintiv medju. Ir-rikorrenti ma tikkontestax din il-kunsiderazzjoni iżda ssostni li l-imsemmija trade mark għandha fi kwalunkwe każ, tali karattru minħabba l-forma unika u mhux komuni tagħha, fatt stabbilit b'mod partikolari mid-diversi premji li ntrebħu minħabba l-partikolarità tal-flixxkun. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, kif innota wkoll il-Bord tal-Appell, ir-rikorrenti ma ppreżentat l-ebda argument li juri li t-trade mark tagħha kisbet karattru distintiv minħabba użu intensiv jew minħabba r-reputazzjoni tagħha.
- 32 Sa fejn is-sinjali kunfliġġenti jippreżentaw differenzi importanti u fejn ir-rikorrenti ma wrietx kif it-trade mark preċedenti hija nieqsa minn karattur distintiv għoli, is-sempliċi fatt li ż-żewġ fliexken għandhom għonq spirali ma jippermettix li jiġi konkluż li hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti, minkejja l-identikità tal-prodotti inkwistjoni.
- 33 Din il-konklużjoni ma tistax tiddaħħal inkwistjoni mill-argument tar-rikorrenti li jipprovdi li l-impressjoni tattili tat-trade marks kunfliġġenti għandha rwol kunsiderevoli fil-kawża preżenti. Fil-fatt, hekk kif irrileva għustament l-UASI, mill-metodi ta' bejgħ tal-fliexken — jiġifieri l-preżenza tagħhom bħala prodotti ttikkettjati

fl-ixkafef tal-ikel tal-ħwienet kbar jew meta jiġu ordnati fi ħwienet tax-xorb jew f'restorant — jirriżulta li l-konsumatur jikkonċentra minn qabel u prinċipalment fuq l-elementi verbali u figurattivi li hemm fuq it-tikketti tagħhom, bħall-isem tat-trade mark, il-logo u/jew elementi figurattivi oħra li jindikaw l-oriġini tal-prodott.

- ³⁴ Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, hemm lok li jiġi miċħud l-uniku motiv, u, għaldaqstant, ir-rikors fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

- ³⁵ Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tbatlha l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba.
- ³⁶ Peress li r-rikorrenti tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-UASI u mill-intervenjenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

- 2) **Weldebräu GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Vilaras

Prek

Ciucă

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-4 ta' Marzu 2010.

Firem